



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1973/2013, imressqa minn Lothar Liebetrau, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar 'razzett enormi' tal-qżieq

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jiddikjara li ngħatat l-awtorizzazzjoni sabiex (terġa') tibda topera unita intensiva fuq skala kbira ta' tħaxxin ('razzett enormi') għal madwar 37 000 qażquż f'Hasleben fl-istat ta' Brandenburg, fil-Ġermanja. Il-petizzjonant dan isejjaflu skandlu, u qed jallega li opinjonijiet xjentifiċi juru li demel likwidu mir-razzett se jeqred żona ta' art mistagħdra ta' valur fil-viċinat; barra minn hekk, ma kienx hemm konformità mar-regolamenti tal-UE dwar it-trobbija tal-qżieq, se tiġi affettwata severament riżerva naturali protetta, il-pubbliku ma ġiex ikkonsultat fid-deċiżjoni li tingħata awtorizzazzjoni, u l-emissjonijiet ta' ammonijaka li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' tħaxxin tal-qżieq se jaqbżu konsiderevolment il-valuri limiti permessi. Għaldaqstant huwa jistieden lill-Parlament Ewropew jinvestiga.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-17 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-proġett tar-razzett tal-qżieq f'Hasleben (Brandenburg/DE) jinsab viċin (800m 'l bogħod) is-Sit Natura 2000 "Kuhzer See/Jakobshagen" (DE 2747-303) li huwa protett mid-Direttiva dwar il-Habitats¹. Skont l-informazzjoni mogħtija mill-mistoqsija parlamentari E-3166/2005 u

¹ Richtlinie 92/43/EWG des Rates vom 21. Mai 1992 zur Erhaltung der natürlichen

mill-Petizzjoni attwali 1973/2013, id-daqs tal-proġett sadanittant ġie mnaqqas minn 85 000 għal 37 000 qażquż. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti diġà tlestiet u l-permess inħareġ f'Ġunju 2013 iżda mhuwiex attwalment eżegwibbli mill-promotur, peress li appelli ġew ippreżentati kontra l-proċedura ta' awtorizzazzjoni. Deċiżjoni finali dwar dan il-proġett mill-awtoritajiet kompetenti mhijiex mistennija qabel nofs l-2015.

Skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Habitats kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li mhux meħtieġ għall-immaniġġjar ta' Sit Natura 2000 iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, għandu jkun suġġett għal valutazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit minħabba l-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit. Dan japplika wkoll għal razzett tal-qżieq li għandu l-potenzjal li jaffettwa negattivament speċi u habitats sensitivi għan-nitroġenu fil-forma ta' tniġġis tal-arja kkawżat mill-ammonijaka. Huma l-Istati Membri individwali li għandhom jieħdu deċiżjonijiet dwar il-kostruzzjoni ta' p.e. razzett tal-qżieq fuq it-territorju tagħhom filwaqt li tiġi rispettata l-liġi tal-UE. Meta jkun probabbli li siti Natura 2000 jkunu se jiġu affettwati negattivament minn proġett, dan l-obbligu jinkludi fost l-oħrajn il-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-effetti tal-proġett fuq l-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit affettwat u, jekk ikun applikabbli, l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi, per eżempju l-bidla tal-lok jew l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa. Eżenzjonijiet jistgħu jingħataw skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar il-Habitats f'każ li ma jkunx hemm alternattivi, jkun hemm interess pubbliku prevalenti tal-proġett flimkien ma' l-istabbiliment ta' miżuri xierqa ta' kumpens.

Il-Ġermanja hija mħassba dwar problemi ta' tniġġis min-nitrati minn sorsi agrikoli, kif indikat fir-Rapport tal-Kummissjoni¹ b'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar in-Nitrati². Proċedura ta' ksur dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati fil-Ġermanja nfetħet mill-Kummissjoni fl-2013.

Id-Direttiva dwar in-Nitrati għandha l-għan li tnaqqas it-tniġġis tal-ilma ikkawżat jew indott min-nitrati minn sorsi agrikoli u li tipprevjeni iktar minn dan it-tniġġis. L-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fl-Anness II u III tad-Direttiva, b'mod partikolari fil-Programmi ta' Azzjoni b'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva, huwa l-istrument prinċipali għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis min-nitrati minn sorsi agrikoli. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jkollhom jiżguraw li l-użu ta' effluwenti agrikoli ma jagħmilx ħsara lit-twertieq tal-għanijiet tad-Direttiva, li madankollu ma jipprovdwx rekwiżiti speċifiċi fuq proċeduri tal-awtorizzazzjoni tal-irziezet.

L-argumenti l-oħrajn imsemmija mill-petizzjonant, bħall-protezzjoni kontra n-nar u ksur possibbli ta' leġislazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali jidħlu fil-kompetenza tal-awtoritajiet

Lebensräume sowie der wildlebenden Tiere und Pflanzen (ABl. L 206 vom 22. Juli 1992, S. 7).

¹ Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli u bbażata fuq rapporti tal-Istati Membri għall-perjodu 2008-2011 (COM(2013) 683 final).

² Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/676/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli.

nazzjonali u diġà kienu suġġetti għal mistoqsijiet parlamentari nazzjonali reġjonali¹ u tweġibiet mill-awtoritajiet.

Konklużjoni

Minħabba li l-proċedura tal-ġoti ta' permess għadha għaddejja, il-Kummissjoni ma tinsabx f'pożizzjoni li tiegħu azzjoni. Għaldaqstant, il-petizzjonant għandhu jiġi rakkomandat jikkuntattja, b'mod dirett, lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, u jitlob informazzjoni iktar dettaljata dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni. Jekk, wara li jkun irċieva din l-informazzjoni u fl-aħħar tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni, il-petizzjonant ikun għadu tal-opinjoni li l-leġislazzjoni tal-UE ma ġietx rispettata, hu għandu l-possibilità li jippreżenta ilment formali lill-Kummissjoni Ewropea.

¹ Kleine Anfrage 1130 vom 4.3.2011 und Kleine Anfrage 2933 vom 4.6.2013 im Landtag Brandenburg.